**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 20 – 29 ta' Settembru 2009**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fil-7.00 ta' filgħaxija u saret Agenda 20.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Brian Bonnici | Sindku |
| | Alfred Grixti | Viċi-Sindku |
| | Dr. Peter Micallef | Kunsillier |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | Mario Borg | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kien hemm l-ebda persuna tal-pubbliku preżenti. | |

**1. QARI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Brian Bonnici talab li l-minuti ta' Aġenda 19 jittieħdu bħala moqrija, huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**2. KORREZZJONIJIET**

2.1. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

## 3. ARISING OUT

3.1. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf kif baqa l-Kunsill fuq il-bus shelters. Is-segretarju wieġeb li hekk kif miftiehem mill-Kunsill intbagħtet ittra lis-sur Patrick Gatt sabiex dan iżarma l-apparat tiegħu. Il-Kunsillier Agius informal ill-Kunsill li huwa ġab kwotazzjonijiet u specifications fil-każ li l-Kunsill fil-futur xtaq jerġa jaħdem fuq din l-inizjattiva. Huwa qal li skond il-kwotazzjoni li ġab hu, kull bus shelter kien se jiġi jiswa 1000 euro.

3.2. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf xi żviluppi kien hemm dwar it-talba tiegħu għal sleeping police fi Vjal il-Ħelsien. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għamel l-applikazzjoni tiegħu mal-ADT.

3.3. Fuq mistoqsija tal-kunsill, is-Sindku Brian Bonnici wieġeb li l-kwestjonarji tal-MEPA inġabru u l-perit kellu jgħaddi l-informazzjoni kollha lill-MEPA.

3.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius għamel referenza għall-website tal-Kunsill. Is-Sindku kkummenta li jidher li ma kien hemm l-ebda kwotazzjoni oħra apparti dik ippreżentat mill-kunsillier Agius. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsillier Agius jagħmel kuntatt mal-persuna kkonċernata u hu flimkien mal-Viċi Sindku Alfred Grixti jkomplu jaħdmu fuq din l-inizjattiva.

3.5.1. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li rigward is-sejħa għal persuni nteressati li joffru garaxx għall-kiri, il-Kunsill kien irċieva applikazzjoni waħda mis-sur Rosario Cortis. Is-sindku spjega li l-qies tal-garaxx propost kien wieħed żgħir għall-ħtiġijiet tal-Kunsill. Huwa kompla jgħid li fil-jiem ta' qabel ġie avviċinat mis-sid tal-garaxx preżenti tal-Kunsill li offra li jġedded il-kera tal-garaxx għal sena oħra u b' hekk il-Kunsill jista jfittex garaxx ieħor bil-kwiet. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier Cortis ikkummenta li huwa ġie avviċinat min persuna nteressata li toffri l-garaxx tagħha.

3.5.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius saqsa jekk il-Kunsill qatt ikkunsidrax li jixtri garaxx. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti qal li f' dik l-eventwalita ix-xiri ta' garaxx irid ikun parti minn xi ħaġa akbar bħal investiment f' ċentru ċiviku.

3.6. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li rigward il-fondi tal-Urban Improvement Fund il-Kunsill kien qiegħed jistenna l-permessi tal-MEPA sabiex il-Kunsill japplika għalihom.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1. Ma tressaq l-ebda punt ta' korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 5. ĦWEJJEĠ OĦRA

5.1.1. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li fil-ġimgħat ta' qabel kellu l-opportunita li jdur naqra mal-lokal u qal li fl-opinjoni tiegħu ma kienx hemm daqshekk ħmieġ daqs kemm qalu. Huwa semma xi postijiet fejn hemm bżonn tindif. Is-Sindku Brian Bonnici wieġeb li sfortunatament fl-aħħar perijodu kien hemm żieda ta' rimi ta' skart bl-addoċċ, ħmieġ tal-klieb, persuni li joħroġu l-iskart x' ħin iridu u affarijiet simili li jfixxklu t-tentattivi tal-Kunsill sabiex tinżamm l-indafa fil-lokalita.

5.1.2. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti wieġeb li hemm ħafna nies li jippretendu ħafna mill-Kunsill iżda l-biċċa żgħira tagħhom ma jagħmluwiex. Huwa kompla jgħid li f' ċertu ġranet sabiex isir knis aħjar iridu jitneħħew il-karozzi mit-toroq u ssuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ b' xi mod ta' sorveljar għal dawn l-abużi. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dan l-item jiġi diskuss f' laqgħa oħra. Kull min hekku xi ideat jista jressaqhom bil-miktub lis-segretarju.

5.2. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li fil-jiem ta' qabel tkomplew il-laqgħat bejn il-Kunsill, l-Authorised Officer, u l-Guard & Warden rigward is-sistema ta' sorveljar tal-pjazza permezz tal-cameras tal-Kunsill. Is-Segretarju eżekuttiv spjega li l-Kunsill kellu żewġ għażliet quddiemu. Jew jibqa jopera s-sistema preżenti tal-cameras, iżda sabiex isir infurzar bihom ried jinġab warden il-kunsill li jiswa €23.29 is-siegħa. B' din is-sistema kien hemm bżonn numru ta' tibdiliet fil-mod kif topera s-sistema, kif ukoll l-warden jista jkun hemm biss f' ċertu ħinijiet li fihom ikun miftuħ il-Kunsill. It-tieni metodu jikkonsisti li l-camera preżenti tinqala u titwaħħal post ieħor fejn hemm talbiet għaliha. Minflokha issir camera tal-guard & warden mingħajr spejjeż u l-infurzar isir permezz tal-guard & warden bil-prezz ta' € 26 kuljum. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti talab li jkun jaf jekk dawn il-cameras kienux speed cameras ukoll. Is-segretarju wieġeb le. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. Kull min hekku xi ideat jista jressaqhom bil-miktub lis-segretarju.

5.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius ġibed l-attenzjoni għal bżonn ta' patching if sqaq il-Lunzjata.

5.4. Il-Kunsillier Dominic Cutajar informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn Pawlu Attard magħrud bħala Ċinkwini rigward l-użu tal-fiorella hall bħala day centre għall-anzjani. Il-Kunsillier Cortis qal li Attard wera x-xewqa li jiddiskuti mal-Kunsill dwar dan. Il-Viċi Sindku Alfred Grixti wieġeb li dan l-item ġa ġie diskuss u wieħed irid jikkunsidra numru ta' fatturi fosthom il-finanzjament ta' proġett simili, kif ukoll jibqa l-fatt li għall-proġett simili jrid ikun hemm sejħa pubblika trasparenti.

Is-Sindku Brian Bonnici esprima d-diżappunt tiegħu fuq din il-kwistjoni minħabba li ċertu drabi jħoss li l-kunsill jiġi ddiskriminat. HUwa spjega kif l-ewwel l-Onorevoli Joe Cassar kien wiegħed l-għajnuna tiegħu f' dan il-każ u wara kull ma offra kien is-servizz ta' nurses. Meta wieħed jikkunsidra l-varji talbiet li għamel il-Kunsill għal-devoluzzjoni li dejjem ġew injorati u mbagħad jiġru każijiet bħal tal-Kunsill tas-Siġġiewi u dawn jingħataw bini mal-ewwel.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li jekk Pawlu Attard xtaq jitkellem mal-Kunsill, dan għandu jikteb ittra formali lill-Kunsill.

5.5. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat miż-Żebbuġ Rangers sabiex bħala parti mix-xogħolijiet fil-ground jagħmlu culvert sabiex l-ilma tal-ground jinġabar ġo ġibjun li jinsab taħt il-bandli. Is-Sindku qalli ż-Żebbuġ Rangers talbu li l-Kunsill ikopri l-ispejjeż tal-culverts u jagħti l-permess liż-Żebbuġ Rangers sabiex ikunu jistaw jużaw l-ilma tal-ġibjun. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

5.6. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur Raymond Callejja kien qiegħed jgħin b' mod volontarju lill-Kunsill fit-tindif tax-xelter. Is-sindku qal li dan x-xelter se jintuza bhala centru artistiku fejn isiru esebizzjonijiet u jkun ukoll zviluppat f'centru kulturali u folkoristiku

## 6. VOT TA' FLUS

6.1. Is-Sindku Brian Bonnici ressaq il-vot ta' flus (Appendix A) għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġie ssekondat mill-Viċi Sindku Alfred Grixti.

Kien hemm qbil unanimu.

## 7. JUM ĦAŻ-ŻEBBUĠ

7.1. Is-Sindku Brian Bonnici spjega lill-Kunsill li l-kumitat tal-kultura fi ħdan il-Kunsill kien qiegħed jissuġġerixxi li f' okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żebbuġ issir serata l-aħħarSibt tax-xhar ddedikata lill-għannej Manwel Cilia. Is-Sindku spjega li fil-programm kien hemm ippjanat żfin folk, xi għana, u diskors dwar l-għana mis-sur Charles Coleiro.

7.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ressaq suġġeriment sabiex l-attivita ssir il-Ħadd filgħodu x' imkien barra. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-attivita ssir f' Misraħ l-Isptar u wara jitqassas xi ikel tipiku Malti mill-scouts.

7.3. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ressaq ir-ringrazzjamenti taz-ziju tiegħu li kien jinsab b' mod temporanju Malta, għall-premju ta' Ġieħ Ħaż-Żebbuġ li ngħata lilu s-sena l-għaddiet.

7.4. Wara diskussjoni kien hemm qbil li Ġieħ Ħaż-Żebbuġ jingħata lil dawn il-persuni;

**Pawlu Balzan** - Għall-għajnuna volontarja lill-għaqdiet u l-każini Żebbuġin speċjalment fil-ġranet tal-festi

**Joe Tanti** - Għall-ħiliet artistiċi tiegħu u l-interess li juri fl-attivitajiet u t-tradizzjonijiet Żebbuġin

**Familja Brincat** - Għall-ħidma li qed twettaq biex tirrestawra u żżomm bl-aħjar mod il-kappella tal-Madonna tal-Grazzja u żżomm ħajja lill-Komunita` tal-madwar.

**Simon Dedomenico** - Resident eżemplari li jieħu nteress fil-lokalita`, fiż-żamma taż-żona ta' Misraħ Ħal Dwin u fir-residenti tal-madwar.

**L-Arcipriet Fr. Daniel Cardona** - Għall-ħidma li qed iwettaq favur iż-żgħażagħ fejn b' interess u spejjeż personali dan l-aħħar kompla jsebbaħ ċ-centru ta' Warda u għall-interess li qed juri fiż-żamma u r-r-restaw tal-patrimonju Żebbuġi.

## 8. MAFKAR F' ĠIEĦ L-IDENTITA ŻEBBUĠIJA

8.1. Is-Sindku Brian Bonnici spjega li l-votazzjoni tal-mafkar kienet se ssir nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru bejn it-8.30am u s-2pm. L-elezzjoni kienet se titmexxa mill-ħaddiema tal-Kunsill. Huwa kien qiegħed jissuġġerixxi li jkun hemm żewġ kunsilliera li jissorveljaw li kollox jimxi sew fil-bidu u fl-aħħar tal-votazzjoni. Ġew magħżula l-Kunsilliera Dominic Cutajar u Emanuel Agius. Is-Sindku spjega li se jkun hemm 3 abbozzi u eleġibli għall-vot huma dawk l-persuni kollha li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali u fuq presentazzjoni tal-karta tal-identita.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 9. RAPPORT PROĠETTI TOROQ

9.1. Is-Sindku Brian Bonnici għamel referenza għall-aħħar laqgħa tal-Kunsill fejn il-perit tal-kunsill spjega x' tip ta' xogħol seta jsir fi Triq il-Kurkanta u Triq il-Kbira sabiex jinġabar l-ilma ta' dawn iż-żewġ toroq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu quddiemu żewġ rapporti. L-ewwel wieħed kien dwar l-ispejjeż involuti biex jinġabar l-ilma ta' Triq il-Kurkanta u Triq il-

Qubbajt permezz ta' żewġ culverts (wieħed kull triq). Dan ir-rapport kien jindika li l-ispiża għal dan ix-xogħol kienet se tkun ta' madwar € 7,000.

It-tieni rapport kien juri l-ispejjeż involuti sabiex il-culvert ta' triq il-kurkanta jitqabbad ma dak ta' Main street li huwa diġa eżistenti. Is-Sindku spjega li permezz ta' dan ix-xogħol tittaffa l-problema kbira ta' ilma li jinġabar f' Main street. Ir-rapport jindika li x-xogħol jiġi jiswa madwar € 26,000.

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill irid iżomm quddiem għajnejh li għalkemm dan kien xogħol bżonnjuż ħafna, il-budget tal-Kunsill kien se jkun qiegħed jiġi mġebbed ħafna.

9.3. Is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill japprova dawn ix-xogħolijiet. Huwa ġie ssekondat mill-Viċi Sindku Alfred Grixti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 10. TINDIF CULVERTS

10.1. Is-Sindku Brian Bonnici spjega lill-Kunsill li kien hemm żewġ kuntratturi li ressqu l-kwotazzjoni tagħhom għat-tindif tal-culverts madwar Ħaż-Żebbuġ. Dawn kienu;

John Agius - € 7,221
Philip Seguna - € 2,562

10.2. Saret diskussjoni dwar iż-żewġ l-offerti u s-Sindku Brian Bonnici ressaq mozzjoni sabiex ix-xogħol jingħata lill-Philip Seguna. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Alfred Grixti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 11. TRIQ IL-BUSKETT

11.1. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li fuq parir tal-perit saru testijiet ulterjuri fuq it-tarmac ta' Triq Dun Karm Psaila, anke wara numru ta' lmenti ta' residenti f' żoni fejn it-tarmac diġa nqata' mit-tarf tal-bankina. Minn dawn it-testijiet irriżulta li xi x-xogħol ma sarx skond l-istandards tal-ADT u l-perit kien qiegħed jirrikmanda li l-Kunsill iżomm retention money fuq it-tarmac għal perijodu ta' sena sabiex il-Kunsill jissalvagwardja ruħu minn ħsarat futuri, filwaqt li rrikmanda wkoll li partijiet oħra tat-triq tiġi mqaxxra mill-ġdid u mogħtija wiċċ tarmac iehor.

Wara diskussjoni is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex il-pagamenti kollha tal-Asfaltar jinżammu. Nofs l-ammont dovut jingħata meta x-xogħol li sar ħażin jissewwa u n-nofs l-ieħor jinżamm għall-perijodu ta' sena hekk kif

rakkomandat mill-perit, kif ukoll jitnaqqsu 10% mill-valur tat-tarmac talli x-xogħol sar ħażin. Huwa ġie ssekondat mill-Viċi Sindku Alfred Grixti.

**Dawk favur;** Is-Sindku Brian Bonnici, il-Viċi Sindku Alfred Grixti, il-Kunsillier Peter Micallef, il-Kunsillier Dominic Cutajar, il-Kunsillier Duncan Batolo, il-Kunsillier Emanuel Agius.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** il-Kunsillier George Cortis.

11.2. Is-Sindku spjega li dwar it-tender ta' Triq il-Buskett wara li kien hemm qbil fil-Kunsill li tintalab stima oħra mill-kuntratturi dan sar u l-prezzijiet kwotati kienu dawn;

Asfaltar Ltd - € 52,460
Schembri Infrastrucures Ltd - € 55,639

11.3. Is-Sindku spjega li fid-dawl ta' dak li ġara fi triq Dun Karm Psaila huwa kien qiegħed jissuġġerixxi li x-xogħol jingħata lil Schembri Infrastructures Ltd, anke minħabba x-xogħol tajjeb li qed jagħmel bħalissa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar.

Kien hemm qbil unanimu li t-tender jingħata lil Schembru Infrastructures Ltd.

## 12. VJAL IL-ĦELSIEN, CULVERTS U GĦARAR (TRIQ ĦALI, TRIQ VASSALLI)

12.1. Is-Sindku Brian Bonnici nforma lill-Kunsill li wara li l-Kunsill baqa' bla risposta għall-ittri li ntbagħu lill-Onorevoli Austin Gatt u l-Onorevoli Chris Said, issa hekk kif kien miftiehem kienet se tiġi organizzat press conference nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru fid-9.30 fi Vjal il-Ħelsien. Is-Sindku spjega li għal din il-press conference kienu se jiġu mistiedna r-residenti milquta minn dawn il-problemi u l-membri parlamentari Żebbuġin kollha.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.10pm.

| | |
|---|---|
| Brian Bonnici | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |